# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 289/94 DS**

Ray Bondin u Mary Anne Bondin ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Express Travel Limited
vs
Albert Vassallo

Illum, 30 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi l-konvenut kien ghal cirka sentejn impjegat mas-socjeta' attrici bhala "Head of Accounts and Finance" u f'din il-kariga kien responsabbli mill-accounts taghha u kellu that idejh il-flus ta' l-istess socjeta' attrici, inkluz ic-cheque books.

Illi wara li spicca mill-imsemmi mpjieg tieghu mas-socjeta' attrici fis-27 ta' Jannar 1994 irrizulta illi fil-perjodu meta kien impjegat mas-socjeta' attrici kif fuq inghad, il-konvenut ma ghamilx ix-xoghol tieghu sew u anki sahansitra ha flus tas-socjeta' attrici li ma kellux dritt ghalihom.

Illi b'rizultat ta' dan l-agir tal-konvenut is-socjeta' attrici soffriet danni li ghalihom responsabbli l-istess konvenut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi fiz-zmien meta l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici huwa ma ghamilx ix-xoghol tieghu sew u kif suppost u anki sahansitra ha flus tas-socjeta' attrici li ma kellux dritt ghalihom u per konsegwenza l-istess socjeta' attrici sofriet danni li ghalihom irid iwiegeb il-konvenut.

2. tillikwida dawn id-danni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legli kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi ma huwiex assolutament minnu li l-eccipjenti ma ghamilx ix-xoghol tieghu sew, u aktar u aktar li ha xi flus li ma kellux dritt ghalihom;

2. Illi jsegwi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti favur l-attur noe.;

3. Illi jsegwi ghalhekk illi t-tielet talba attrici, bhat-tnejn ta' qabilha, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghanha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi noe.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Novembru 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Edgar Depasquale bhala perit legali;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Frar 1995 fejn, fuq rikors ta' l-imsemmi perit legali, gew nominati John Bonnici bhala perit komputista u Dr. Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu;

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1996 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Victor Borg Grech;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-14 ta' Lulju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jigi osservat l-ewwelnett li, ghalkemm b'digriet ta' l-1 ta' Frar 1995 gew nominati John Bonnici bhala perit komputista u Dr. Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu, dawn l-esperti ma hadux konjizzjoni tal-kaz fl-ebda stadju. Difatti l-perit legali l-Avukat Dottor Borg Grech osserva fir-relazzjoni tieghu (para. VIII) li *"huwa tal-opinjoni li kif zviluppaw il-proceduri ma baqax il-bzonn ta' tali perizji"*. Il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kaz u l-provi migbura u hija ta' l-istess fehma. Ghalhekk ghal kull bwon fini qieghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet fuq imsemmi ta' l-1 ta' Frar 1995 li permezz tieghu kienu gew nominati l-imsemmijin esperti.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien gie impjegat mis-socjeta` attrici wara rakkomandazzjoni ta' certu Herbert Baldacchino u *interview* li ghamillu l-attur Ray Bondin. Il-konvenut gie impjegat biex jiehu hsieb l-*accounts* tal-kumpanija u fil-fatt meta spicca minn mal-kumpanija certu Paul Spiteri, il-konvenut ha l-inkarigu ta' *Financial Manager*. L-impjieg tal-konvenut intemm fis-27 ta' Jannar 1994 peress li kien zejjed u minhabba problema ta' *cash flow* l-awditur kien talab lill-atturi biex inaqqsu l-ispejjez. Sal-mument li ntemm dan l-impjieg, ma jidhirx li l-atturi kellhom xi suspett ta' xi irregolaritajiet min-naha tal-konvenut. Tant hu hekk li anke ittra ta' rakkomandazzjoni saritlu.

Ftit granet wara li gie terminat l-impjieg tal-konvenut, l-attur ircieva *statement* tal-Bank of Valletta ta' l-ahhar ta' Jannar 1994 u sab zewg cekkijiet, wiehed f'isem il-konvenut u iehor f'ismu li ssarrfu mill-konvenut l-ghada li tkecca. Irrizulta li dawn ic-cekkijiet kellhom data 'l boghod minn xulxin izda n-numru

taghhom kien sussegwenti. Minn hawn l-atturi bdew investigazzjoni shiha ta' l-*accounts* ta' l-1993.

Fl-*affidavit* tieghu Ray Bondin jelenka tliet metodi ta' irregolaritajiet li skond hu pprattika l-konvenut u li se jigu riprodotti hawn:

> *"a) kien jikteb cekkijiet f'ismu jew f'isem haddiehor u jsarrafhom, presumibilment b'firma falza. Fil-maggor parti tal-kazi (ovvjament meta kien jiftah l-istatement hu) ic-cekkijiet huma nieqsa, l-istub hija vojta u r-registrazzjoni fl-accounts hija jew vojta jew inkella falza (jigifieri registrati bhala pagamenti, ecc. lil kumpaniji li fil-fatt jirrizulta li ma hadux dawn il-flus),*
> *b) kien isarraf cekkijiet bhala 'cash' meta dan ma kellu l-ebda dritt jaghmlu minghajr il-firma fuq wara ta' Ray Bondin,*
> *c) kien qed jilghab bil-petty cash billi jirregistra li xi pagamenti li fil-fatt kienu qed isiru bic-cheque kienu qed jitnizzlu li saru wkoll b'cash".*

Imbaghad jiddetalja erbatax-il kaz ta' irregolarita` f'cekkijiet u disa' kazijiet ta' registrazzjoni irregolari. Fix-xiehda tieghu imbaghad jikklassifika dawn il-kazijiet.

Hawn irid jinghad li l-konvenut ma ressaqx provi f'dawn il-proceduri u ghalhekk, nonostante l-kontestazzjoni originali tieghu, il-provi li tressqu mill-atturi nomine ma gew kontradetti bl-ebda mod. Pero` l-perit legali ghamel analizi akkurata ta' dawn il-provi u spjega b'mod dettaljat il-pretensjonijiet attrici fir-rigward ta' kull allegata irregolarita` u r-ragunijiet ghaliex ghandhom jew, f'xi kazijiet, m'ghandhomx jigu milqugha. In sintesi jghid hekk:

(1) Cekk numru 1096 mahrug fuq Bank of Valletta datat 29 ta’ Dicembru 1992 pagabbli lil Super Audio Co. Ltd. ghal Lm230: L-attur sostna li dan ic-cekk gie registrat bhala “advertising and promotion” izda l-kumpanija attrici qatt ma xtrat minghand din il-kumpanija.

(2) Cekk numru 1377 mahrug fuq Bank of Valletta datat 19 ta’ April 1993 ghal Lm500 pagabbli lill-konvenut u endorsjat u msarraf minnu: L-attur qal li dan ic-cekk kien registrat bhala pagament lill-Air Malta. Din mhix registrazzjoni korretta.

(3) Cekk numru 1750 mahrug fuq Bank of Valletta datat 16 ta’ Settembru 1993 ghal Lm400 mahrug fuq *cash* u endorsjat u msarraf mill-konvenut: L-attur qal li dan ukoll hu registrat bhala pagament lill-Air Malta filwaqt li pagamenti lill-Air Malta kienu jsiru bic-cekkijiet u mhux b’*cash*.

(4) Cekk numru 1920 mahrug fuq Bank of Valletta datat 22 ta’ Novembru 1993 ghal Lm700 mahrug fuq *cash a/c* u endorsjat u msarraf mill-konvenut: L-attur qal li dan ic-cekk gie registrat bhala pagament lis-Sea Malta.

(5) Cekk numru 1944 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm700 u registrat bhala pagament lill-Air Malta: L-attur qal li ebda pagament ma sar u fil-fatt ma rrizultalu l-ebda *invoice* jew dokument li jkopri dan il-pagament.

(6) Cekk numru 1978 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm500: L-istess bhan-numru (5).

(7) Cekk numru 1429 mahrug fuq Bank of Valletta datat 30 ta’ April 1993 ghal Lm240.33 pagabbli lill-konvenut u endorsjat minnu: Dan ic-cekk jidher li

kien ghal paga meta l-konvenut kien diga` thallas b'cekk numru 1392 ta' l-istess data.

(8) Cekk numru 1955 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm326.24 pagabbli lill-konvenut: L-attur qal li dan kien registrat bhala paga meta kien diga` thallas bic-cekk numru 1946 bl-istess data.

(9) Cekk numru 2298 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm326.24 pagabbli lill-konvenut:: L-attur qal li m'hemm l-ebda registrazzjoni fir-*records* tal-kumpanija dwar dan ic-cekk u li l-firma tieghu fuq ic-cekk hija falsa. Huwa esebixxa rapport *ex parte* ta' l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero li jikkonferma li l-firma hija falsa.

(10) Cekk numru 2299 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm271.67 pagabbli lill-konvenut: Il-konvenut sarraf dan ic-cekk fl-istess data li sarraf dak imsemmi fil-paragrafu precedenti. Lanqas ta' dan ic-cekk m'hemm registrazzjoni fl-*accounts* u anke fir-rigward ta' dan ic-cekk l-imsemmi espert kalligrafu jikkonferma li l-firma fuqha hija falsa.

(11) Cekk numru 1300 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm500 imsarraf fit-22 ta' Jannar 1993: L-attur xehed li dan ic-cekk gie registrat bhala "cancelled" u meta nhareg inqabzu 200 cekk.

(12) Cekk numru 1700 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm95 imsarraf fil-15 ta' Mejju 1993: L-attur qal li m'hemm l-ebda registrazzjoni ta' dan ic-cekk u meta nhareg inqabzu 300 cekk vojt.

(13) Cekk numru 1676 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm500 imsarraf fit-3 ta' Settembru 1993: L-attur xehed li r-registrazzjoni fl-*accounts* hija vojta.

(14) Cekk numru 2100 mahrug fuq Bank of Valletta ghal Lm500 imsarraf fid-29 ta' Dicembru 1993: L-attur qal li m'hemm l-ebda registrazzjoni ta' dan ic-cekk u ttiehed wara 200 cekk vojt.

(15) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 9 ta' Jannar 1993 fejn *voucher* ghal hames bagalji bil-Lm5 il-wahda gie registrat bl-ammont ta' Lm125 minflok Lm25: Ghalhekk is-socjeta` attrici giet addebitata b'Lm100 zejda.

(16) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 22 ta' Frar 1993 fejn *voucher* ghal Lm66.44 gie registrat bhala Lm166.44: Hawn ukoll is-socjeta` attrici giet addebitata b'Lm100 zejda.

(17) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 7 ta' Awissu 1993 fejn voucher ghal Lm83.66 iddahhal darbtejn: B'hekk jidher li s-socjeta` attrici giet addebitata b'Lm83.66 zejda.

(18) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 7 ta' Settembru 1993 dwar *voucher* li juri *cash payment* ta' Lm312.50 li minnhom hemm numru ta' *items* ammontanti ghal Lm244 li thallsu b'cekk: L-ammont Lm244 jirrizulta addebitat darbtejn.

(19) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 31 ta' Settembru 1993 dwar *voucher* ghal Lm307: Is-somma ta' Lm40 inkluza f'dan l-ammont pero` tirrizulta mhallsa b'cekk numru 1825 u mhux b'cash: B'hekk is-socjeta` attrici giet addebitata b'Lm40 zejda.

(20) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 15 ta' Dicembru 1993 ghal Lm569.76 izda li zewg pagamenti minnhom effettivament saru bic-cekkijiet numri

0013 mahrug fuq APS Bank u 1936 mahrug fuq Bank of Valletta: Mill-komputazzjoni tal-perit legali l-ammont addebitat darbtejn jirrizulta ta' Lm224.70.

(21) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 14 ta' Settembru 1993 ghal Lm238.17 li minnhom l-attur allega li Lm174.67 thallsu b'cekk: Il-perit legali kkonkluda li l-attur ma ssostanzjax l-allegazzjoni tieghu sufficjentement.

(22) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 9 ta' Lulju 1993 ghal Lm604: Hawn ukoll il-perit legali stqarr li l-attur ma kienx car fl-asserzjoni tieghu u inoltre l-provi ma kinux konklussivi.

(23) Registrazzjoni fil-*cash book* datata 11 ta' Jannar 1993 ghal Lm217.30: Il-perit legali ma dehrlux li din il-pretensjoni setghet tintlaqa' ghall-istess ragunijiet.

Il-Qorti kellha l-opportunita` tezamina l-provi li tressqu, provi li ma gewx kontradetti mill-konvenut li, ghalkemm kellu kull opportunita` biex jaghmel hekk, ma ressaq l-ebda prova li biha seta' jaghti xi spjegazzjoni jew jirribatti l-pretensjonijiet attrici. Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl tal-provi mressqa, jidhrilha li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb u korrett tal-fatti kif esposti u takkolji l-konkluzjonijiet tieghu fl-intier.

L-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici huwa ghalhekk ta' Lm6581.84.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li fiz-zmien meta kien impjegat mas-socjeta` attrici l-konvenut ma ghamilx ix-xoghol tieghu sew u kif suppost u ha flus tas-socjeta` attrici li ma kellux dritt ghalihom u per konsegwenza l-istess socjeta` attrici sofriet danni,

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm6581.84, u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta' Lm6581.84 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur